# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Ittra Medjazzjoni numru: 93/2021 BS**

**CSF**

**-vs-**

**GS**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrent intimat GS illi ppremetta:**

1. ILLI l-esponent ġie notifikat bl-ittra ta' medjazzjoni odjerna, li ġiet intavolata minn martu CSF;

2. ILLI jingħad li sa reċentement il-partijiet kienu qed jattendu għal terapija bit-tama li jsalvaw iż-żwieġ tagħhom u għalhekk l-Avukat sottoskritta filwaqt li infurmat lill-medjatriċi bl-istess, anke issenjalat immedjatament illi jekk it-terapija tfalli,

il-proċeduri għandhom jinżammu ġewwa Malta (email annessa u mmarkata Dok A);

3. ILLI fil-fatt, skont il-kontroparti t-terapija mhix taħdem u huwa għalhekk li l-esponenti llum qed jipprosegwi f'dil-istanza;

4. ILLI fir-rigward tal-mertu tar-rikors odjern, jingħad illi l-esponent jirrisjedi b'mod permanenti ġewwa Malta fejn huwa anke jaħdem; u fil-fatt ilu jirrisjedi ġewwa propjetà tal-komunjoni tal-akkwisti li tinsab ġewwa l-Pietà għall-iktar minn sena;

5. ILLI għalhekk l-esponent jixtieq jinvoka l-privilegium fori ai termini tal-Artikolu 767 u 741(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet premessi, l-esponent bir-rispett jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-prosegwiment tal-medjazzjoni odjerna quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ġewwa Malta u dan salv kull provvediment ieħor li l-istess jogħġobha timponi.

**Rat ir-risposta tal-intimata rikorrenti CSF illi eċċepixxiet:**

ILLI permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrenti GS qed jinvoka l-*privilegum fori* ai termini tal-Art. 767 u 741(C) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ILLI fl-ewwel lok, u għal kull buon fini, l-esponenti qed tagħti ruħha b'notifikata bl-imsemmi rikors u bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' liema hija ġiet awtorizzata tirrispondi għall-istess;

ILLI mbagħad, u in kwantu għall-kontenut tar-rikors innifsu, l-istess esponenti tirrispondi u tissottometti dan li ġej:

1. Illi fl-ewwel lok, iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ġie kontrattat u ċelebrat ġewwa l-gzira ta' Għawdex, u ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' dik l-istess gżira (vide estratt miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv — **dokument CSF1)**;

2. Illi fit-tieni lok, l-intimat kien u għadu reġistrat bħala residenti ġewwa Għawdex (vide estratti mir-Reġistru Elettorali sa mis-sena 2018 — dokument CSF2 — CSF3), u bir-rispett dovut ma jagħmilx sens illi l-intimat jiġi trattat "bħala persuna residenti ġewwa Għawdex" meta dan ikollu x'jaqsam ma' benefiċċji u assistenzi offruti lill-Għawdxin, u bħala residenti "ġewwa Malta" meta si tratta minn proċeduri uffiċjali tal-Qorti;

3. Illi fit-tielet lok, ma hemm assolutament l-ebda rabta bejn il-partijiet u l-gżira ta' Malta, u dan l-argument da parti tal-intimat huwa intiż biss u unikament sabiex jistultifika l-proċeduri ta' bejn il-partijiet — kif fil-fatt qed jirnexxielu jagħmel a skapitu tal-esponenti;

4. Illi fir-raba' lok, it-talba għal medjazzjoni hija intimament marbuta maż-żwieġ, u ladarba dan ġie kontrattat ġewwa Għawdex, it-talba odjerna għadha tiġi kkunsidrata mill-Qrati tal-gzira ta' Għawdex stess; dan anke fid-dawl tal-Art. 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi fil-ħames lok, l-Artikolu 769 tal-Kap. 12 u fuq imsemmi jipprovdi illi meta l-ghadd tal-konvenuti li jgħixu f'Malta u Għawdex hu ndaqs (bħalma huwa l-każ odjern), allura l-*privilegum fori* ma jibqax japplika;

6. Illi fis-sitt lok ukoll, ma' tistax ma ssirx referenza għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti stess tal-1 ta' April 2022 fl-ismijiet AB vs. CD (15/2021BS) — vide kopja informali tagħha li tinsab hawn annessa bħala **dokument CSF4** — fejn dik il-Qorti kellha l-opportunita tixtarr talba simili. L-esponenti temmen illi l-insenjamenti li jirriżultaw minn din l-istess sentenza, li tistrieħ ukoll fuq skorta ta' sentenzi preċedenti, għandu japplika għall-każ odjern.

Fid-dawl ta' dan, l-esponenti temmen illi t-talba ta' *privilegum fori* fuq imsemmija għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti GS.

**Il-Qorti;**

Fliet l-atti;

Rat li r-rikors ġie appuntat għas-smigħ u trattazzjoni għas-seduta tat-30 ta' Ġunju, 2022;

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2022 ir-rikors ġie differit għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' *privilegium fori*;

**Preliminari**

Fit-28 ta' Diċembru, 2021 CSF ppreżentat ittra għall-ftuħ ta' medjazzjoni u dan ai termini tal-Avviż Legali 397/2003. L-ittra hija indirizzata lir-Reġistratur tal-Qorti.

Skont id-digriet tad-29 ta' Diċembru, 2021, il-Qorti ordnat li l-atti jintbagħtu lill-medjatriċi sabiex jiġi ffissati seduti bejn il-partijiet.

Fit-12 ta' April, 2022 l-intimat GS qajjem l-eċċezzjoni ta' *privilegium fori* billi ppreżenta rikors fejn afferma li huwa jgħix u jaħdem b'mod permanenti Malta.

B'digriet tas-26 ta' April, 2022 il-Qorti ordnat in-notifika ta dan ir-rikors u akkordat lill-kontroparti erbat (4) ijiem għar-risposta, liema risposta ġiet ipprezentata fil-21 ta' Ġunju, 2022. Mar-risposta ir-rikorrenta esebiet kopja tar-reġistru elettorali għax-xhur ta' April, 2021 u Ottubru, 2021 minn fejn jirriżulta li l-intimat għadu reġistrat li jgħix fl-indirizz "Cidaris", Triq il-Madonna tal-Ġilju, ir-Rabat, Għawdex.

**Id-Dritt**

L-Artikoli tal-liġi rilevanti għad-determinazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari ta' *privilegium fori* huma s-segwenti:

L-Artikolu 50 tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) hija kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' kawżi stitwiti kontra: *"…l-persuni li joqgħodu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti."*

Imbagħad l-Artikolu 741(ċ) tal-Kap. 12 jipprovdi li: *"L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata … meta huwa mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari."*

Minnbarra dawn l-Artikoli preċitati hemm ukoll l-Artikolu 767 tal-Kap. 12 illi jistabbilixxi li: *"Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqgħodu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqgħodu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer."*

In oltre, l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 jipprovdi li: *"Il-privilegium fori jispiċċa wkoll fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari."*

**Ikkunsidrat:**

Din hija ittra ta' medjazzjoni intavolata mir-rikorrenta u dan bil-għan li jinħatar medjatur sabiex iwassal lill-partijiet għal ftehim dwar il-firda personali ta' bejniethom u dwar l-affarijiet l-oħra kollha konnessi. L-ittra hija indirizzata lir-Reġistratur.

Minn qari akkurat tal-Artikoli preċitati jemerġi b'mod l-aktar ċar illi l-eċċezzjoni ta' *priviliegium fori* tista' titqajjem meta jkun hemm kawża bejn il-partijiet. Infatti huwa pprovdut li il-benefiċċju tal-*privilegium fori* jingħata lill-persuni li joqogħdu f'dik il-gżira rigward il-qrati ta' dik il-gżira.

Fil-każ odjern, il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet għadha fil-fażi ta' medjazzjoni u infatti l-medjazzjoni għadha miftuħa u l-Qorti għadha ma awtorizzatx lill-partijiet sabiex jipproċedu fil-kontenzjuż. Dan ifisser li għad ma hemmx kawża bejn il-partijiet u għalhekk din l-eċċezzjoni ma tistax titqajjem f'dan l-istadju.

Minbarra f'dan jirriżulta u dan mill-kopja tar-Reġistru Elettorali li l-intimat għadu reġistrat li jgħix fil-gżira ta' Għawdex.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni preliminari dwar il-*privilegium fori* u tordna l-prosegwiment tal-medjazzjoni.

Bl-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni għandhom jiġu sopportati mill-intimat.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur